# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 12 ta' Lulju, 2023.**

**Numru 62**

**Rikors numru 592/21/1 GM**

**Josephine Wadi**

**v.**

**1. L-Avukat Ġenerali u**
**2. L-Avukat tal-Istat għal kull interess li jista' jkollu**

1. L-attriċi tressqet taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja fit-18 ta' Jannar 2012 flimkien ma' persuna oħra, fejn ġiet mixlija fost oħrajn b'kompliċità fir-reat ta' stupru vjolenti aggravat li seħħ bejn is-7 u t-8 ta' Jannar 2012. Il-Qorti Kriminali sabet lill-attriċi mhux ħatja tal-akkużi kollha miġjuba kontra tagħha fil-25 ta' Mejju 2021. L-attriċi tilmenta li l-proċeduri kriminali kontra tagħha ma tmexxewx b'effiċjenza u anzi kien hemm dilungar min-naħa tal-prosekuzzjoni li

wassal sabiex hija ssofri leżjoni tad-dritt tagħha għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli.

2. F'dawn il-proċeduri hija talbet għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara li l-proċedimenti kriminali fil-konfront tar-rikorrenti ma' twettqux fiż-żmien raġonevoli kif sanċit fl-Artikoli 6(1) u 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea rispettivament, dan b'riżultat ta' l-aġir lampanti tal-intimati u/jew min minnhom;
>
> 2. Tiddikjara li r-rikorrenti sofriet leżjoni tal-jeddijiet tagħha kif sanċiti fl'Artikoli 6(1) u 39(1) tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea rispettivament, dan b'riżultat ta' l-aġir lampanti tal-intimati u/jew min minnhom;
>
> 3. Tillikwida kumpens xieraq għad-danni mġarrba mir-rikorrenti, u tillikwida ukoll kwalunkwe danni reali hekk imġarrba minn l-istess rikorrenti;
>
> 4. Tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu tali kumpens u/jew danni hekk likwidati/i, lir-rikorrenti;
>
> 5. Tagħmel u tagħti dawk l-ordinijiet u jew direttivi li tqis xierqa u twettaq u tiżgura rimedju effettiv għall-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali sofferti mir-rikorrenti.
>
> Bl-ispejjeż, kontra l-intimati li huma min issa inġunti għas-subizzjoni".

3. L-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali eċċepew, *inter alia,* li l-Avukat Ġenerali mhux il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri, illi l-każ kriminali kontra l-attriċi kien wieħed kumpless u sensittiv peress li kien hemm numru ta' akkużi rigwardanti allegat stupru vjolenti, kompliċità fi stupru vjolenti, attentat għall-pudur u sekwestru illegali, kien hemm żewġ ko-akkużati u kien hemm il-bżonn ta' diversi esperti u diversi xhieda u provi ulterjuri, li kien hemm numru ta' seduti fejn ma sar xejn għaliex l-imputati jew min minnhom ma deherx, li l-Qorti tal-Maġistrati żammet

seduti b'mod regolari u in konformità mal-liġi, li m'hemm l-ebda *time-limit* statutorja *entro* liema jrid jiġi konkluż proċess kriminali, li sabiex tinstab leżjoni tad-dritt ilmentat mill-attriċi jrid jirriżulta li d-dewmien kien wieħed kapriċċuż u intiz sabiex jiżvantaġġja lill-attriċi mit-tgawdija tad-drittijiet fondamentali tagħha, li huma m'għandhomx ikunu responsabbli għal kwalunke stultifikazzjoni tal-proċedura minħabba n-nuqqas ta' dehra tal-ko-akkużat tal-attriċi u li jekk il-Qorti ssib li kien hemm leżjoni kif ilmentat mill-attriċi għandu jittieħed kont ta' kemm-il seduta ma saritx għal raġunijiet imputabbli lill-attriċi fil-likwidazzjoni tal-kumpens.

4. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tad-29 ta' Settembru 2022 ġie deċiz hekk:

> "Għal dawn il-motivi, l-Qorti:
>
> 1. Teħles lill-Avukat Ġenerali mill-osservanza tal-ġudizzju.
>
> 2. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara li l-proċedimenti kriminali fil-konfront tar-rikorrenti ma' twettqux fiż-żmien raġonevoli kif sanċiti fl-Artikoli 6(1) u 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea rispettivament, dan b'riżultat ta' l-aġir lampanti tal-intimati.
>
> 3. Tilqa' t-tieni talba billi tiddikjara li r-rikorrenti sofriet leżjoni tal-jeddijiet tagħha kif sanċiti fl-Artikoli 6(1) u 39(1) tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea rispettivament, dan b'riżultat ta' l-aġir lampanti tal-intimat Avukat tal-Istat.
>
> 4. Tilqa' in parte t-tielet talba billi tillikwida kumpens xieraq għad-danni morali mġarrba mir-rikorrenti fis-somma ta' €3,500.
>
> 5. Tilqa' r-raba' u l-ħames talba billi tordna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas il-kumpens hekk likwidat".

5. L-attriċi preżentat ir-rikors tal-appell tagħha fl-14 ta' Ottubru 2022 permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex tvarja s-sentenza appellata billi tiddikjara li l-Avukat Ġenerali għandha twieġeb għall-aġir abbużiv flimkien mal-Avukat tal-Istat, tinkludi lill-Avukat Ġenerali bħala responsabbli għall-aġir abbużiv fil-konfront tal-attriċi, tawmenta l-kumpens likwidat mill-Ewwel Qorti u tordna liż-żewġ konvenuti jħallsu l-kumpens hekk rivedut, bl-ispejjeż kontra l-appellati.

6. L-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat preżentaw ir-risposta tal-appell tagħhom fl-24 ta' Ottubru 2022 permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell tal-attriċi u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż tal-appell kontra l-appellanti.

**Ikkonsidrat:**

**L-Ewwel Aggravju**

7. Permezz ta' dan l-aggravju l-attriċi tilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ħelset lill-Avukat Ġenerali mill-osservanza tal-ġudizzju. Targumenta li f'dan il-każ l-azzjoni ġiet istitwita wkoll kontra l-Avukat Ġenerali minħabba l-involviment dirett tiegħu, bil-konsegwenza li l-proċeduri kriminali kontra l-attriċi damu biex ġew konklużi. Targumenta li l-Kodiċi Kriminali jagħti l-poter u kontroll fuq il-Qorti Struttorja lill-Avukat

Ġenerali fir-rigward ta' meta għandu jiġi dikjarat li l-provi tal-prosekuzzjoni huma magħluqa u biex jinħareġ l-Att ta' Akkuża, u sabiex finalment il-proċeduri jinstemgħu permezz ta' ġuri quddiem il-Qorti Kriminali. Iżżid illi fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija v. Dr. Joseph Cassar Galea LL.D.** il-Qorti tal-Appell Kriminali sostniet li waqt il-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti Struttorja l-funzjonijiet tal-Avukat Ġenerali huma ekwiparabbli għal dawk ta' *Chief Magistrate*. Targumenta li l-Kodiċi Kriminali ma jimponi l-ebda limitu fuq kemm-il darba l-Avukat Ġenerali jista' jirrinvija l-atti tal-kawża lura quddiem il-Qorti Struttorja, u dan jikkontribwixxi biex jitwal il-proċess kriminali. Issostni li l-każ tagħha dam għaddej numru twil ta' snin minkejja li ma kienx wieħed ta' xi komplessita partikolari minħabba t-tkaxkir tas-saqajn tal-Avukat Ġenerali li ħa aktar minn seba' snin sabiex ħarġet l-Att ta' Akkuża fil-konfront tagħha fuq każ fejn il-Qorti Kriminali ħadet biss ġurnata biex semgħet il-ġuri u fl-istess ġurnata ngħatat sentenza fejn hija ġiet liberata minn kull akkuża. Targumenta li għalhekk meta wieħed jieħu inkonsiderazzjoni l-mod kif mexa l-Avukat Ġenerali fil-proċeduri kontra tagħha għandu jirriżulta li l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta lliberat lill-Avukat Ġenerali mill-osservanza tal-ġudizzju.

8. L-appellati jwieġbu li wara l-emendi tal-Att 25 tas-sena 2019 ir-rappreżentanza residwali tal-Istat ġiet fdata f'idejn l-Avukat tal-Istat. Jargumentaw li f'analiżi ta' dewmien irraġonevoli hija s-sistema ġudizzjarja fl-intier tagħha li tkun qed tiġi mistħarrġa u mhux l-aġir ta' parti

individwali. Isostnu li b'dan ir-raġunament kellhom jitħarrku wkoll il-Kummissarju tal-Pulizija u r-Reġistratur tal-Qorti Kriminali peress li anke huma kellhom xi forma ta' involviment fil-proċeduri kriminali kontra l-appellanta.

9. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Sewwa ġie eċċepit li l-Avukat Ġenerali mhuwiex il-leġittimu kontradittur; skont Art. 181B(2) tal-kodiċi ritwali huwa l-Avukat tal-Istat li f'dan il-każ jirrappreżentat lill-Istat".

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

10. L-appellati jwieġbu għal dan l-aggravju tal-attriċi appellanti billi jgħidu li fi proċeduri dwar dewmien irraġonevoli ta' proċeduri ġudizzjarji huwa l-Avukat tal-Istat li huwa l-leġittimu kontradittur għaliex il-kawża tkun dwar is-sistema ġudizzjarja fl-intier tagħha u mhux xi parti speċifika fil-kawża. Il-Qorti ma tistax taqbel ma' dan ir-raġunament. Il-pern tal-proċeduri jiddependi mill-ilment speċifiku li jkollha quddiemha l-Qorti. Ma tistax issir ġeneralizazzjoni bħalma qed jissuġerixxu l-appellati u jiġi *a priori* deċiż li l-ġudizzju tal-Qorti għandu jkun dwar is-sistema ġudizzjarja in ġenerali. Kif jidher mill-atti tal-kawża l-ilment tal-attriċi ma kienx biss fuq is-sistema ġudizzjarja b'mod ġenerali, iżda wkoll fuq l-aġir speċifiku tal-Avukat Ġenerali. Huwa minnu li s-sistema legali b'mod ġenerali qed tiġi attakkata mill-attriċi, tant illi anke f'dan l-aggravju tagħha tilmenta dwar

il-fatt li l-Kodiċi Kriminali ma jimponi l-ebda limitu fuq l-ammont ta' rinviji li jista' jagħmel l-Avukat Ġenerali u li l-liġi tagħti poter eċċessiv lill-Avukat Ġenerali fi proċeduri quddiem il-Qorti Struttorja. Dwar dan l-ilment ġustament jirrispondi l-Avukat tal-Istat għaliex huwa l-Avukat tal-Istat li jirrispondi għall-ilmenti relatati ma' liġijiet fid-dawl tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 2(1) tal-Att XXV tal-2019. L-Avukat tal-Istat ukoll jirrispondi fejn l-ilment ikun dwar il-mod kif inhi organizzata s-sistema ġudizzjarja, nuqqas ta' riżorsi u lmenti simili għall-istess raġuni. Iżda l-ilment tal-attriċi dwar l-aġir tal-Avukat Ġenerali b'mod speċifiku tirrispondi għalih l-Avukat Ġenerali stess, inkwantu l-Avukat Ġenerali huwa *ai termini* tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-kap tad-dipartiment tal-Gvern inkarigat mill-prosekuzzjoni tal-attriċi fil-proċeduri kriminali mertu ta' din il-kawża skont l-Artikolu 5(a) tal-Kapitolu 90 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-rappreżentanza legali u ġuridika tal-Uffiċċju hija vestita fl-Avukat Ġenerali skont l-Artikolu 5(ċ). Għalhekk l-Avukat Ġenerali ma setax jiġi liberat mill-ġudizzju b'mod sommarju bil-mod kif għamlet l-Ewwel Qorti, mingħajr referenza għall-ilment speċifiku magħmul mill-attriċi.

11. Qari tas-sentenza appellata juri li l-Ewwel Qorti sabet nuqqasijiet da parti tal-Avukat Ġenerali fit-tmexxija tal-kawża. Wara li rat l-atti tal-kawża, din il-Qorti wkoll tqis li l-Avukat Ġenerali ma mexiex bid-diliġenza rikjesta fil-proċeduri kriminali kontra l-appellanti. Biss biss, f'Lulju 2016, u

ċjoè erba' snin u nofs wara li bdew il-proċeduri kontra l-attriċi, l-Avukat Ġenerali talab li jixhdu numru ta' xhieda ġodda, inkluż numru ta' pulizija, li qatt ma kienu ssemmew qabel fin-noti ta' rinvinju. F'Diċembru 2017, u ċjoè kważi sitt snin wara li bdew il-proċeduri kriminali, l-Avukat Ġenerali elenka lista oħra ta' xhieda ġodda li ried li jiġu mismugħa mill-Qorti Struttorja. Imbagħad, minkejja li l-pulizija ddikjarat il-provi tal-prosekuzzjoni magħluqa f'Jannar 2018, u minkejja li fid-9 ta' April 2018 l-Avukat Ġenerali talab estensjoni taż-żmien biex toħroġ l-Att ta' Akkuża kontra l-imputati, fit-23 ta' April 2018 l-Avukat Ġenerali ressaq nota ta' rinviju fejn talab lill-Qorti Struttorja sabiex tisma' u tieħu konjizzjoni ta' kull prova oħra li l-pulizija jidhrilha xierqa li tressaq. Peress li l-Pulizija kienet diġà ddikjarat il-provi magħluqa, fid-differiment li kien imiss il-prosekuzzjoni m'għamlet xejn ħlief li għal darba oħra ddikjarat il-provi tagħha magħluqa. F'Ġunju 2018 imbagħad l-Avukat Ġenerali reġa' għamel nota ta' rinvinju fejn elenkat diversi pulizija li riedet li jixhdu quddiem il-Qorti Struttorja. Fit-18 ta' Diċembru 2018 il-pulizija ddikjarat li ma kellhiex aktar provi, u minkejja dan l-Avukat Ġenerali talab fin-nota ta' rinviju li l-Qorti Struttorja tisma' kwalunkwe xhieda li tinġieb mill-pulizija.

12. In vista ta' dan il-Qorti tqis li m'hemmx dubbju li l-dewmien fil-proċeduri kriminali kontra l-attriċi ma kienx biss sforz is-sistema legali u / jew ġudizzjarja b'mod ġenerali. Huwa ċar li l-Avukat Ġenerali jaħti wkoll għal dan id-dewmien. B'mod partikolari din il-Qorti rat li kien hemm żmien

sħiħ moħli sempliċiment għaliex l-Avukat Ġenerali ma ndenjax ruħu li jieħu konjizzjoni tal-verbali li saru quddiem il-Qorti Stuttorja, u għalhekk ma rax li l-pulizija kienu ddikjaraw li m'għandhomx provi. Għalhekk, minflok ma ħejja l-Att ta' Akkuża l-Avukat Ġenerali bagħat rinviji biex jinstemgħu x-xhieda tal-Pulizija, b'ħela ta' żmien għal kulħadd. Dan apparti l-fatt li ħafna snin wara li bdew il-proċeduri l-Avukat Ġenerali kien xi drabi jelenka xhieda kompletament ġodda li qatt ma kienu ssemmew f'rinviji preċedenti, u dan saħansitra minkejja li kien hemm minnhom li kienu uffiċjali tal-pulizija, u għalhekk żgur li l-Avukat Ġenerali kien jaf b'dawn ix-xhieda minn qabel. Ma' dan kollu jrid imbagħad jiżdied iż-żmien li nħela kull darba li l-Avukat Ġenerali ma kienx għadu lesta l-Att ta' Akkuża sad-differiment li kien imiss. Għalhekk din il-Qorti tqis li mhux biss l-Avukat Ġenerali ġie intimat korrettement f'dawn il-proċeduri kkonsidrata n-natura tal-ilment tal-attriċi, iżda wkoll li mill-atti jirriżulta li l-Avukat Ġenerali kien ukoll responsabbli għal parti mid-dewmien fil-proċeduri mertu ta' din il-kawża.

13. Għaldaqstant dan l-aggravju qed jiġi milqugħ.

**It-Tieni Aggravju**

14. Permezz ta' dan l-aggravju l-attriċi tilmenta dwar l-ammont ta' kumpens li ġie akkordat mill-Ewwel Qorti. Targumenta li l-Ewwel Qorti ma

kellhiex tipparaguna l-każ odjern mal-każ fl-ismijiet **Francis Said v. Avukat Ġenerali** għaliex l-akkużi li bihom kien rinffaċjat Francis Said kienu totalment differenti kemm fin-natura tagħhom u kif ukoll fir-rigward tal-piena li kienu jġorru magħhom, u dan oltre l-fatt li parti mill-kaġun tad-dewmien kien tort tal-imputat stess. Tilmenta li s-somma ta' €3,500 akkordata mill-Ewwel Qorti ma tirriflettix it-tul ta' żmien li damu għaddejjin il-proċeduri u l-impatt soċjali u psikoloġiku li sofriet minħabba dawn il-proċeduri. Iżżid li kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza **David Martinelli v. Avukat Ġenerali et** il-grad ta' gravità tal-leżjoni hija akbar fi proċeduri kriminali milli hija għall-konvenut fi proċeduri ċivili.

15. L-appellati jwieġbu li filwaqt li wieħed jista' jifhem li l-appellanti ħaqqha tieħu kumpens għall-ansjetà maħluqa minħabba t-tul tal-proċeduri, irid jittieħed kont ukoll tal-fatt li matul il-proċeduri kriminali hija ma lmentatx dwar it-tul tal-proċeduri jew ivverbalizzat oppożizzjoni għad-differimenti. Iżid li inoltre l-attriċi ma preżentat l-ebda prova li tikkorrobora t-trawma li hija tgħid li għaddiet minnha minħabba dawn il-proċeduri. Jagħmlu referenza għal diversi sentenzi fejn l-atturi ngħataw kumpens anqas mill-kumpens li ġiet akkordata l-appellanti, u wkoll is-sentenza **Avukat Dr Cedric Mifsud nomine v. Avukat Ġenerali** fejn wara dewmien ta' sitt snin il-Qorti qieset li dikjarazzjoni ta' leżjoni ta' drittijiet fondamentali kienet suffiċjenti.

16. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"L-għan tal-jedd ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli fi proċeduri penali hu li l-akkużat ma jibqax imdendel taħt kapi t'akkużi għal żmien indefenit. Id-dewmien iħalli lill-akkużat għal żmien twil fi stat ta' inċertezza fuq il-verdett tal-innoċenza jew il-ħtija tiegħu u naturalment id-destin tiegħu. Proċeduri Kriminali fit-tul għandhom effett negattiv fuq ir-reputazzjoni tal-akkużat. Id-dewmien ipoġġi fil-periklu l-effettivita` u l-kredibilta` tal-ġustizzja

L-Istat huwa mgħobbi bl-obbligazzjoni pożittiva li jassikura li l-proċeduri penali jiġu konklużi b'mod spedjenti. Għalhekk irid jipprovdi effiċjenza ġudizzjarja. M'hemm l-ebda terminu fiss biex jitqies jekk is-smigħ ikunx sar żmien raġonevoli, imma jiddependi fuq il-kumplessita` tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża u l-aġir tal-awtorita` ġudizzjarja.

Ma kien hemm xejn kumpless f'dan il-każ.

Il-prosekuzzjoni u l-Avukat Ġenerali ipprovokaw għadd numeruż ta' differimenti li fihom ma sar xejn; kien hemm ripetizzjonijiet inutili ta' ċerti xhieda; ix-xhieda prodotta ġiet imtella' bil-qatra l-qatra; b'seduti li fihom sempliċiment jixhed xhud wieħed jew tnejn, per eżempju pulizija biex jikkonfermaw il-firma tagħhom fuq l-istatement. Diversi drabi ddikjaraw li għalqu l-provi u komplew iressqu iktar xhieda. Kien hemm diversi okkażjonijiet meta saħansitra ma deherx l-uffiċjal prosekutur. F'għadd ta' okkażjonijiet il-Qorti kienet indisposta, jew kellha xogħol ieħor, jew sempliċiment ordnat differiment bla ma tagħat raġuni.

M'hemmx dubju li min-naħa tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali l-kawża ma ġietx segwita u mmexxija bid-debita attenzjoni u speditezza; u b'naqra impenn u attenzjoni, u b'ko-ordinazzjoni aħjar bejn il-Pulizija Eżekuttiva u l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, il-każ kellu jingħalaq mill-prosekuzzjoni fi ftit seduti. F'dan il-każ ġara dak li, sfortunatament, jiġri f'ħafna kumpilazzjonijiet, u cioe` li wara li l-Qorti Istruttorja tiddeċiedi li kien hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża u l-atti jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali, il-Pulizija u l-uffiċjal prosekutur prattikament ma jieħdu ebda inizjattiva aktar biex iħeffu l-proċeduri u jibqgħu passivi mingħajr anqas biss l-iċken sforz ta' ko-ordinament mal-imsemmi Uffiċċju.

L-imħarrka dejjem attendiet għas-seduti ħlief meta ma kinitx notifikata; darba ma dehritx għaliex kellha problema medika.

Dwar il-mod kif il-proċeduri kriminali ġew kondotti mill-Qorti, wiehed irid iqis il-kwantita` enormi ta' xogħol li jinstabu mgħaffġa bih il-Qrati tagħna, li jagħmilha hafna drabi diffiċli hafna kemm għall-ġudikant kif ukoll għall-impjegati tal-Qorti li jwettqu *case management* effettiv. Dan iżda ma jwassalx għal ġustifikazzjoni ta' dewmien irraġonevoli li kull akkuzat ma għandux ibagħti. Hemm bżonn li l-posizzjoni tiġi rimedjata

biex kemm jista' jkun persuna akkużata ma ddumx tant żmien biex issir ġustizzja magħha. Ċertament hafna minn dan it-tort hu attribwibbli għall-Istat ta' Malta, li għandu l-obbligu li jipprovdi l-istrutturi legali u r-risorsi l-ohra kollha, inklużi riżorsi umani, biex kemm jista' jkun ma jkunx hemm dewmien.

Kif sewwa osserva l-Avukat Ġenerali fir-rikors ta' l-appell tiegħu, ir-rikorrenti ma ressqet l-ebda prova li sofriet xi tip ta' dannu materjali. Għalkemm stqarret li l-impatt finanzjarju fuqha kien kbir, u li kellha diffikulta` biex issib xogħol, għax il-kelma ġriet li kienet akkużata bi stupru, ma ġabet l-ebda prova ta' din l-allegazzjoni – anke jekk ikollu jingħad li mhix sitwazzjoni inverosimili. Għalhekk m'hemm l-ebda prova ta' danni materjali.

Tibqa' għalhekk il-kwistjoni ta' jekk ir-rikorrenti hijiex intitolata li tiehu kumpens għad-danni morali mhux minhabba l-eżitu – il-liberazzjoni tiegħha – iżda minhabba d-dewmien tal-proċeduri. Ir-rimedju għall-ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni għandu jkun kumpens finanzjarju, li, fil-każ tad-d-dannu morali, għandu jirrifletti l-inċertezza, fuq perjodu ta' numru ta' snin, dwar l-eżitu tal-proċeduri kriminali mehuda fil-konfront tiegħu. Għalkemm ma jistax proprjament jingħad li nġabu provi fir-rigward, din il-Qorti hi tal-fehma li huwa probabbli li tali inċertezza kienet sors ta' ansjeta` kontinwa għar-rikorrent u l-familja tagħha.

Qorti hi tal-fehma li l-ammont ta' danni morali għandu jkun ta' tlett elef u ħames mitt ewro (€3,500). Din il-Qorti waslet għal din is-somma wara li hadet in konsiderazzjoni s-somma ta' €3,000 li ngħatat mill-Qorti Kostituzzjonali f'każ simili104, li kien ukoll każ penali, li fih l-akkużat ingħata l-ħelsien mill-arrest, u li dam 9 snin. Bid-differenza li l-akkużat wkoll ikkontribwixxa, anke jekk b'mod inqas mill-prosekuzzjoni, għad-dewmien".

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:

17. Dan l-aggravju jirrigwarda l-ammont ta' kumpens li l-attriċi ġiet akkordata mill-Ewwel Qorti fl-ammont ta' €3,500, li hija tgħid li hu baxx wisq ikkonsidrat li l-proċeduri kriminali kontra tagħha damu għaddejjin disa' snin, erba' xhur u ħmistax-il ġurnata.

18. Fir-rigward tal-argument tal-appellati li l-attriċi qatt m'għamlet xejn waqt il-proċeduri kriminali sabiex jitnaqqas id-dewmien, il-Qorti tosserva li mill-verbal tas-27 ta' Lulju 2017 jirriżulta li "[i]d-difiża jitolbu li l-Qorti tiddikjara l-provi tal-Prosekuzzjoni magħluqa." Għalhekk dan l-argument tal-appellati huwa fattwalment infondat. Fi kwalunke każ, fi proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Struttorja l-Qorti m'għandhiex il-poter skont il-liġi li tiddikjara l-provi tal-prosekuzzjoni magħluqa, peress li fil-verità huwa l-Avukat Ġenerali li tmexxi u tikkontrolla l-proċeduri f'dan l-istadju. Dan tant illi skont l-Artikolu 405(8) tal-Kodiċi Kriminali "[i]l-Qorti **għandha** tmexxi sabiex tieħu kull azzjoni jew miżura oħra li għandha x'taqsam mal-kumpilazzjoni kif l-Avukat Ġenerali jista' jitlob bil-miktub" [enfażi ta' din il-Qorti]. Fi kliem ieħor, il-Qorti Struttorja hija obbligata mil-liġi li tisma' l-provi li l-Avukat Ġenerali jindika fin-nota ta' rinvinju. Għalhekk dan l-argument tal-appellati ma jistax jiġi aċċettat, ġaladarba qajla kien hemm xi passi li setgħet tieħu l-attriċi biex tipprova trażżan id-dewmien eżaġerat tal-kawża ladarba l-kontroll tal-proċeduri kien effettivament f'idejn l-Avukat Ġenerali.

19. Il-Qorti tosserva li kien hemm numru ta' seduti fejn ma sar xejn għax ma deher ħadd; ċirka tmienja b'kollox. Kien hemm ukoll seduta fejn l-attriċi ma dehritx mingħajr raġuni valida. Għalhekk ma jistax jingħad li l-attriċi m'għandha l-ebda ħtija għal parti mid-dewmien ladarba kien hemm numru ta' seduti quddiem il-Qorti li hija naqset milli tidher għalihom. Din

ir-responsabbilità hija temperata però mill-fatt li ħadd, inkluż il-prosekuzzjoni ma deher għal dawn it-tmien seduti, u għalhekk anke kieku dehret l-attriċi ma kien ikun jista' jsir xejn.

20. Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti taqbel mal-appellanti li l-kumpens akkordat mill-Ewwel Qorti huwa baxx wisq. Il-kumpens li għalih hija ntitolata l-attriċi għandu jirrifletti l-gravità tal-leżjoni li hija sofriet, meta għal aktar minn disa' snin hija kellha tgħix b'mannara fuq rasha li f'ċertu punt li ma kinitx taf, u ma setgħetx tkun taf, meta hija setgħet tiġi kkundannata tiskonta piena karċerarja ta' ċertu tul. M'hemmx bżonn li jiġu prodotti ċertifikati mediċi, kif jippretendu l-appellati, biex il-Qorti tirrealizza u tifhem l-istat ta' ansjetà u stress li l-attriċi kellha tgħix fih għal aktar minn disa' snin minħabba t-tkaxkir tas-saqajn tal-Avukat tal-Istat u n-nuqqasijiet varji fis-sistema kif konstatati mill-Ewwel Qorti li waslu sabiex il-proċeduri kontra l-attriċi jdumu għaddejjin għal tant snin mingħajr l-ebda ġustifikazzjoni valida. Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-kumpens li għandu jitħallas lill-attriċi huwa fis-somma ta' sitt elef ewro (€6,000).

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-attriċi u tirriforma s-sentenza appellata billi tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenuti li l-Avukat Ġenerali mhux leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri, tilqa' t-

talbiet attriċi anke fil-konfront tal-Avukat Ġenerali, tillikwida l-kumpens dovut lill-attriċi fis-somma ta' sitt elef ewro (€6,000) u tordna lill-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat iħallsu s-somma hekk likwidata minn din il-Qorti lill-attriċi minflok is-somma likwidata mill-Ewwel Qorti.

L-ispejjeż kollha għandhom jitħallsu mill-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm